MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2005

Talba Numru. 2183/2004

**Eden Entertainment Limited**

**vs**

**Adrian Agius**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-18 ta' Novembru, 2004, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' hames mitt lira Maltin u erbgha u disghin centezmu (Lm500.94) rappresentanti ammont dovut ghal servizzi ta' reklamar lilu rezi mis-socjeta attrici fuq Bay Radio.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta'l-ittra interpellatorja tal-25 ta' Lulju 2004 u bl-imghaxijiet legali pagabbli mill-15 ta' Marzu 2002, data ta'l-ahhar invoice, sal-pagament effettiv, kontra l-konvenut, ingunt in subizzjoni.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment l-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tat-18 ta' Frar 2005, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' hames mitt lira Maltin u erbgha u disghin centezmu (Lm500.94), bl-imghaxijiet legali mill-15 ta' Marzu 2002.

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill- konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------